MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 2/2011

**Avviz Numru: CCT 192/2009 fl-ismijiet:-**

**M'Lourdes Sciberras**

**vs**

**Carmelo Mifsud**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fis-27 ta' Dicembru 2010 it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal***

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-5 ta' Mejju 2009 fejn ir-rikorrent talbet danni*

*ta' elf, mija u tmintax-il ewro (€1,118) rapprezentanti prezz ta' tebut li allegatament kien kollu susa u mitejn, tlieta u tletin ewro (€233) danni morali.*

*L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li hija l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tal-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.*

***Ikkunsidra s-segwenti:***

***Ir-rikorrent issottomettiet bil-miktub illi:-***

*Wara li miet ir-ragel taghha hija u binha marru mal-intimat biex jaraw u jordnaw it-tebut. Huma raw diversi twiebet, ghogobhom wiehed u l-intimat qalilhom illi kien tal-kewba u tal-aqwa kwalita'.*

*L-ghada, xi siegha qabel il-funeral, l-intimat hadilhom it-tebut id-dar u poggew il-kadavru fih. Hija ma spezzjonatx it-tebut x'hin gie konsenjat. Ezatt kif gew il-karozzi biex jitilqu l-knisja ndunat li partijiet mill-injam tat-tebut kienu msewsa b'mod li t-toqob tas-susa kienu fuq xulxin.*

*Kif dahal ghandha l-intimat qaltlu li kien dahak biha u l-intimat fil-pront irrispondiha li ma kienx dahak biha billi t-tebut kien fih ftit susa. Qalilha wkoll li kien ser jirrangalha xi haga fil-prezz. Billi kienu diga tard ghall-knisja hija ma setghetx tghidlu biex imur jibdlu.*

*Hija hassitha mbarrazzata miexja wara l-funeral it-tul kollu tal-pjazza tas-Siggiewi u b'mod partikolari meta kien espost fil-knisja izjed u izjed meta hija kienet taf illi n-nies tar-rahal kellhom ghajnejhom fuq it-tebut biex jiflu u jaraw x'tebut ghamlitlu. Dan il-fatt ikkagunalha rabja u ziedilha t-tbatiija psikologika.*

***L-intimat issottometta bil-miktub illi:-***

*Mhux minnu illi t-tebut fornut minnu ma kienx tal-kwalita' patwita u l-prova tal-kuntrarju tinkombi fuq ir-rikorrent. In oltre r-rikorrent ivverifikat u kkollawdat is-servizz prestat minnu, stante li hu thallas l-onorarju tieghu interament minghajr ma gie sollevat l-ilment mertu ta' din il-vertenza, u ghalhekk ghandu jiskatta d-dispost tal-**Artiklu 1637 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta.***

***It-Tribunal jinnota illi:-***

*Ir-rikorrent ikkommissjonat lill-intimat ghas-servizzi funebri tar-ragel taghha u ghaldaqstant l-intimat kellu jissupplixxi lir-rikorrent tebut xieraq skont ix-xewqa taghha. Ghal dan il-ghan ir-rikorrent u binha marru ghand l-intimat fejn gew mhurija numru ta' twiebet differenti u ghazlu wiehed li kien ghogobhom.*

*Minkejja li r-rikorrent issottomettiet illi t-tebut intbaghat ghandha qabel ma nhareg il-kadavru mid-dar sabiex jittiehed il-knisja, l-intimat iddikjara seduta stante illi t-tebut kien gie konsenjat ghand ir-rikorrent tliet sieghat u nofs qabel mal-kadavru nhareg mid-dar. Dak il-hin ir-rikorrent ma qaghdetx tara jekk it-tebut kellux xi difetti izda ftit tal-hin qabel ma l-kadavru kellu jittiehed il-knisja, ir-rikorrent indunat illi t-tebut kellu s-susa.*

*Fix-xhieda guramentata tieghu, is-sur Nicholas Sciberras, bin ir-rikorrent, iddikjara illi huwa kien mar ma' ommu ghand l-intimat sabiex jaghzlu tebut ghall-funeral ta' missieru. Kemm hu, kif ukoll ommu, mill-ewwel kienu qalu lill-intimat illi ma kellhomx problema ta' flus u riedu tebut tajjeb. Huma ghazlu tebut illi ghogobhom izda ma setghux jindunaw jekk kellux xi difetti ghaliex kien mimli bit-trab. L-intimat ikkonsenja t-tebut ghand ommu (ir-rikorrent) xi siegha qabel ma kellhom jibdew is-servizzi funebri. X'hin kien sar il-hin biex il-kadavru jittiehed il-knisja u l-intimat dahal fid-dar ta' ommu, hija qaltlu illi t-tebut kien fih xi susa. L-intimat irrispondiha illi ma kelliex ghalfejn taghmel daqshekk ghageb ghal ftit susa u li mbaghad kien ser jirrangalha xi haga fil-prezz.*

*Fuq domanda tat-Tribunal, is-Sur Nicholas Sciberras iddikjara illi susa kien hemm man-naha tar-ras kif ukoll mal-gemb tat-tebut.*

*Fix-xhieda guramentata taghha, is-Sinjorina Maria Sciberras, bint ir-rikorrent, iddikjarat illi dak in-nhar tal-funeral ta' missiera l-intimat gab it-tebut ftit tal-hin qabel ma kellu jibda s-servizz funebri. Hija rat illi t-tebut kellu hafna susa fil-gemb u fir-ras. Hija ddikjarat ukoll illi ommha (ir-rikorrent) qaltlu mill-ewwel imma ma setghu jaghmlu xejn. Ma setghux ibiddluh ghax kien sar il-hin biex jiehdu l-kadavru ghall-knisja.*

*Fix-xhieda guramentata tieghu s-Sur Edward Bonavia ddikjara illi huwa kien fir-residenza tar-rikorrent x'hin kien sar il-hin sabiex jibdew is-servizzi funebri u ra li kien hemm hafna susa fuq in-naha tal-lemin tat-tebut. Ix-xhud iddikjara illi huwa personalment semgha lill-intimat jghid:- 'Dan it-tebut huwa expensive hafna u ma tantx jimxi u b'hekk ghandu s-susa'.*

*Fix-xhieda guramentata tieghu l-intimat iddikjara seduta stante illi r-rikorrent marret ghandu biex taghzel tebut, huwa wriha r-ritratti tat-twiebet, uriha wiehed miz-zewg twiebet illi kellu ghandu dak il-hin, ghazlet dak li kien fil-wicc, u kien dak it-tebut li ghazlet hi illi huwa hadilha.*

*Fix-xhieda guramentata taghha, is-Sinjorina Rodienne Mifsud, bint l-intimat, iddikjarat illi kienet hi li hadet it-tebut ghand ir-rikorrent u li fil-fatt hija kkonsenjat it-tebut fil-12.15 p.m. Waqt illi l-quddiesa prezente cadavere kellha tibda fit-3.30 p.m. Ghalhekk il-kadavru nhareg mid-dar fit-3.13 p.m. Meta hija waslet fir-residenza tar-rikorrent, ir-rikorrent spezzjonat it-tebut u wara, bil-ghajnuna ta' xi nies ohra, poggew il-kadavru fit-tebut. Wara hija telqet u ma regghetx irritornat ghand ir-rikorrent.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, wara li kkonsidra hawn fuq, u wara illi jinnota li kienet ir-rikorrent personalment li flimkien ma' binha marru ghand l-intimat ghazlu dak it-tebut specifiku, jinnota wkoll*

*li l-intimat kien konxju tal-fatt illi t-tebut mibjugh lir-rikorrent kellu, jew setgha kellu, xi susa fih, jilqa' t-talba tar-rikorrent in parte u jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' mitejn u tmenin ewro (€280), bl-ispejjez tal-kawza jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.*

Rat ir-rikors tal-Appell ta' M'Lourdes Sciberras (Karta tal-Identita` Numru 116743(M)) datat 14 ta' Jannar 2011 fejn talbet lill-Qorti tilqa' dan l-appell, tvarja s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Kosumatur fis-sens illi tilqa' in toto t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-30 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Carmelo Mifsud datata 2 ta' Frar 2011 a fol 7 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appellanti ressqet is-segwenti aggravji (a) li t-Tribunal ma mexxiex skond il-principji tal-gustizzja naturali u s-sentenza mhux ekwa u pregudikat id-drittijiet taghha u s-sentenza ma ghamlitx analizi tajjeb tal-provi migjuba quddiemha; (2) Dwar l-ispejjez tenut ic-cirkostanzi tal-kaz dawn kellhom jigi sopportati mill-partijiet.

Illi l-appellat eccepixxa li l-appell ma jistax isir ghaliex is-sorte ma hijiex ta' €1,200 (**artikolu 22 (3)** u jekk ma jkunx hemm tali ammont l-appell jista' jsir biss meta t-tribunal ikun mar kontra l-principji ta' gustizzja naturali u dik l-

azzjoni tkun pregudikat il-jeddijiet ta' min jappella. F'dan il-kaz jidher car li dan ma huwiex il-kaz tenut kont tal-fatt li il-koncett ta' gustizzja naturali jirreferi ghall-applikazzjoni u harsien tal-principji bazici ta' smigh xieraq u f'dan il-kaz ma hemmx dubju li hekk sar, fejn l-appellanti inghatat l-oportunita' tressaq ix-xhieda kollha, tant li l-istess giet ikkwotata u kkonsidrata mill-istess Tribunal fid-decizjoni tieghu **("Jean Schembri et vs Queen's Dry Cleaners"** – A.I.C. (PS) – 10 ta' Jannar 2003), liema decizjoni hija wkoll motivata peress li l-volonta` tal-Arbitru hija ovvja mill-konsiderandi tas-sentenza hawn appellata u gew sodisfatti l-elementi bazici tal-istess anke fil-kuntest tal-**artikolu 23 (2) (d) tal-Kap. 378**.

Illi l-fatt li l-appellanti ma taqbilx maghha ma taghtix additu ghall-appell fuq din il-bazi ghaliex tajjeb jew hazin it-Tribunal ghamel l-apprezzament tieghu, u tajjeb jew hazin, din il-Qorti ma tistax tissindakah hlief jekk jirrizultalha li, effettivament, kienet saret it-tip ta' vjolazzjoni ta' principji ta' gustizzja naturali li ghalihom tirreferi l-ligi **("Johann Camilleri vs Ronald A. Cachia Phoenicia Laundry and Dry Cleaning"** – A.I.C. – 27 ta' Mejju 1999; **Doris Camilleri vs Cettina Scerri"** (A.I.C. (PS) – 25 ta' Frar 2004). Kif impost l-ewwel aggravju jidher car li l-appell huwa wiehed fuq l-apprezzament tal-provi li saru mit-Tribunal u l-appellant ma jaqbilx mal-konstatazzjonijiet li ghamel it-Tribunal, pero' dan ma jrendix l-appell ibbazat fuq gustizzja naturali, u dan peress li jidher car li t-Tribunal ha inkonsiderazzjoni tal-provi kollha quddiemu, nkluzi dawk sottomessi mill-appellanti u ddecieda l-kaz b'motivazzjoni adegwata kif jidher mill-istess decizjoni u ovvjament din il-Qorti ma ghandhiex tidhol sabiex fid-dawl tal-provizjonijiet tal-Ligi sabiex taghmel apprezzament gdid tal-provi lanqas fuq il-pretest imressaq mill-appellanti (**"Pauline Brockdorff vs Mondial Travel"** – A.I.C. (RCP) – 28 ta' Novembru 2008). L-ewwel aggravju qed jigi ghalhekk michud.

Illi dwar it-tieni aggravju dwar il-kap tal-ispejjez japplikaw l-istess argumenti fuq indikati ghall-ewwel aggravju u jidher li d-disposizzjoni dwar l-ispejjez fid-decizjoni bl-ebda mod ma tmur kontra dak provdut fl-**artikolu 25 tal-Kap. 378.**

Anzi jidher li l-istess kap tal-ispejjez gie deciz konformi ma’ dak li gie deciz fil-mertu u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi wkoll michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-appellat Carmelo Mifsud datata 2 ta’ Frar 2011 in kwantu konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti M’Lourdes Sciberras datat 14 ta’ Jannar 2011 stante li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u mhux proponibbli skond il-Ligi kollox kif hawn deciz, b’dan li tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur datata 27 ta’ Dicembru 2010 fl-ismijiet “M’Lourdes Sciberras vs Carmelo Mifsud” (Avviz Numru CCT 192/09/MF) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti M’Lourdes Sciberras.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------